MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2006

Numru 877/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**vs**
**John Agius**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **John Agius**, iben Terence u Mary Louise nee' Cassar, imwieled Pieta' fit-2 ta' Dicembru, 1987, residenti gewwa 31, Flat 18, Triq l-Iljun, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita' 545287(M);

1. Talli nhar is-16 t'Awissu, 2006 ghall-habta tal-4.30p.m gewwa Triq Nuzu, Hamrun minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Grima minn Birkirkara, skond kif iccertifika Dr. Stephen Grech MD tal-Isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebb ghall-istess Daniel Grima u persuni ohra sabiex jingurjahom, iddejjaqhom jew jaghmilhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas t’oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza u ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedott kontra tieghu.

Rat l-artikoli 214, 216, 338 (d) u (dd) Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat u semghet id-dikjarazzjoni tieghu li lest li jaghmel tajjeb ghall-ispejjes inkorsi mill-kwerelant konsegwenza tal-ksur ta’ sinna u ghalhekk qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligu tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------